

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-21 ta' Settembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**

(Kawża C-304/15) <sup>(1)</sup>

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2001/80/KE — Artikolu 4(3) — Parti A tal-Anness VI — Limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni — Applikazzjoni — Power station ta' Aberthaw)**

(2016/C 419/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mifsud-Bonnici u S. Petrova, aġenti)

Konvenuta: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: J. Kraehling u L. Christie, aġenti, assistiti minn de G. Facenna QC)

**Dispożittiv**

- 1) Billi ma applikax korrettament id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2001, dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni, għall-power station ta' Aberthaw (ir-Renju Unit), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Parti A tal-Anness VI tagħha.
- 2) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 302, 14.9.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-15 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof – il-Ġermanja) – Landkreis Potsdam-Mittelmark vs Finanzamt Brandenburg**

(Kawża C-400/15) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Dritt għal tnaqqis — Deċiżjoni 2004/817/KE — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru — Spejjeż relatati ma' oġġetti u servizzi — Perċentwali tal-użu tagħhom għal skopijiet mhux ekonomiċi ta' iktar minn 90 % tal-użu totali tagħhom — Esklużjoni mid-dritt għal tnaqqis)**

(2016/C 419/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Landkreis Potsdam-Mittelmark

Konvenut: Finanzamt Brandenburg